MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 532/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**vs**

**George Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra George Attard iben Joseph u Rita nee Spiteri imwieled ir-Rabat Għawdex fit-8 ta' Frar 1976, residenti numru 17 Triq l-Assunta Rabat, Għawdex jew numru 18 Triq tal-Għajn Fontana Għawdex u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 4576 G

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, b'diveeri atti magħmulin ukoll jekk fi żminijeit differenti, li jkunu jiksru l-istess

dispożizzjoni tal-Liġi u li jkunu maħgmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Fl-04 ta' Novembru 2009 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet

ta’ Malta; **liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu**

c) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Bejn is-sena 2003 u 2005

d) ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

e) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Li l-imputat kien għamel ammissjoni mal-ewwel tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għaldaqstant dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h), ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 8(ċ), 8(d) 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imptutat ammetta l-imputazzjonijiet kontrih mill-ewwel, li huwa għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi u li għandu determinazzjoni li jidħol fi programm ħalli jieqaf mill-abbuż tad-droga.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' 33 xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €2330 liema multa tista' tiħallas b'rati ta' 50 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Iż-żmein totali għall-ħlas tal-multa m'għandux jaqbeż it-tliet snin. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tkun konvertita f'jiem ta' priġunerija skond il-Liġi.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti skond kif jiddertermina r-reġistratur. Il-ħlas irid isir fi żmien xahar minn meta r-Reġistratur joħroġ il-kont. F'każ li l-imputat ma jħallasx l-ispejjeż dawn jinbidlu fi priġunerija skond il-Liġi.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Peress li l-imputat qatt ma talab ħelsien mill-arrest, japplika l-Artikolu 22 tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tirrakomanda li l-imputat jibda programm mill-aktar fis possibbli fil-parametri tar-regolamenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------